MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 14/1959/1

**Maria mart l-imsiefer Philip Debono u b'digriet tat-13 ta' Dicembru 1962, gie msejjah fil-kawza Filippo Debono zewg l-attrici, u b'digriet tal-4 ta' Mejju 1984 l-atti gew trasfuzi f'isem bintha Carmela mart Salvatore Vella stante l-mewt ta' ommha Maria Debono li mietet fid-9 ta' Mejju 1982, u b'digriet tal-25 ta' Frar 2005, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmela Vella stante l-mewt ta' missierha Filippu Debono fil-mori tal-kawza u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2010 stante l-mewt tal-attrici Carmela Vella, l-atti gew trasfuzi f'isem it-tliet ulidha werrieta universali taghha Mary Debono armla ta' Mickael Debono, il-Perit Arkitett Guido u Edmund maghruf bhala Eddie, ilkoll ahwa Vella**

**v.**

**Kanonku Dekan Francesco Camilleri fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju ta' John Mifsud nominat b'kirografe tal-1 ta' Lulju 1958 li b'digriet u stante l-mewt tal-imsemmi Kanonku Francesco Camilleri issubentraw minfloku l-Avukat Alfred Grech u l-P.L Antoinette Micallef b'digriet tas-26 ta' April 1983 sabiex jirraprezentaw lill-assenti John Mifsud u sussegwentement permezz ta' nota assuma l-atti in rapprezentanza tal-imsemmi John Mifsud Anthony Galea in veste ta' prokuratur tieghu u sussegwentement b'digriet tas-6 ta' Gunju 1995 minhabba l-mewt ta' John Mifsud l-atti gew trasfuzi f'isem Anthony Galea bhala prokuratur tal-assenti Madame Polly armla ta' John Missud sive Mifsud u Thierry, Isabelle u Laurent ahwa Missud sive Mifsud u Rosa mart Michele Galea b'digriet tas-26 ta' Frar 1959, fil-kwalita` taghha ta' mandatarja generali ta' binha l-assenti Francesco Galea minnu assistita, nominat b'mandat ta' prokura tat-2 ta' Settembru 1958 u jekk ghandha jew jista' li ghandha interess, l-istess Rosa Galea fl-isem taghha proprju (dok A); u b'nota tat-22 ta' Ottubru 1981 Anthony Galea assuma l-atti minflok huh Frank Galea; u b'nota tat-8 ta' Novembru 1984, Tony Galea assuma l-atti flok l-assenti John Mifsud; u b'digriet tas-6 ta' April 2005, Anthony Galea gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-wirt tal-mejta ommu Rosa mart Michele Galea.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li taqra hekk:

"Billi b'cedola tat-18 ta' Awwissu 1958 l-istanti irkuprat bit-titolu ta' konsorzju fic-cens u tal-vicinanza mill-poter ta' Frank Galea, illum rapprezentat mill-konvenuta ommu Rosa Galea, il-lok tad-djar fi Pjazza San Pietru Pawl n.7/8, Nadur, u b'bieb iehor ghal Triq Tas-Sajd n.87, suggett, barra minn kamra terrana, ghal lira u hames scelini (£1.5s) cens perpetwu fis-sena, u l-imsemmija kamra terrana sive entrata ghal erba' scelini u nofs (4/6s) fis-

sena bhala cens temporanju, soggett ukoll ghall-usufrutt ta’ Michele u Giovanna ahwa Galea li kien gie mibjugh lill-imsemmi Frank Galea b’att tan-Nutar Dr. Joseph Cauchi tad-19 ta’ Awwissu 1957;

“Billi l-istess Frank Galea, dakinhar rapprezentat mill-kuraturi P. Mercieca u P.L Luigi Cutajar naqas li jaghmel ir-rivendizzjoni tal-fond kif fuq irkuprat, l-attrici b’citazzjoni taghha n.73/58, in kontestazzjoni tal-imsemmija kuraturi, talbet il-kundanna ghar-rivendizzjoni tal-fond fuq imsemmi, liema rivendizzjoni kellha ssir *‘ope legis’* fil-kaz illi l-konvenuti jonqsu u ma jaghmluhiex fi zmien li jigi lilhom prefiss, liema citazzjoni ghadha pendenti quddiem din il-Qorti u tinsab differita *‘sine die’* sa l-esitu ta’ din il-kawza;

“Billi Rosa Galea bis-sahha tal-mandat lilha konferit minn bintha Frank Galea fid-9 ta’ Settembru 1958 u in esekuzzjoni tal-irkupru ezercitat mill-Kanonku F. Camilleri b’cedola tal-25 ta’ Lulju 1958, irrivendit lill-istess Kanonku Camilleri nomine l-fond fuq deskritt meta kienet taf illi l-istess fond kien b’cedola tat-18 ta’ Awwissu 1958 gja` rkuprat mill-istanti u dakinhar hija ma kellha ebda mandat biex tista’ tirraprezenta lill-istess binha Frank Galea u meta rceviet dan il-mandat kien…..tard biex tista’ teffettwa ir-rivendizzjoni favur il-konvenut l-iehor Kanonku Camilleri nomine;

“Billi anki jekk wiehed jipprexindi mill-premess, l-irkupru maghmul mill-Kanonku Camilleri bi ftheim u kolluzjoni mal-imsemmi Frank Galea jew rapprezentant tieghu gie ezercitat fl-interess esklussiv tal-istess Frank Galea bl-ideja illi jeludi d-drittijiet tal-istanti kif sejjer jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

“Wara li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m’ghandux jigi minn din il-Qorti:

“1. dikjarat u deciz illi mill-25 tal-Lulju sal-1 ta’ Settembru 1958, il-konvenuta Rosa Galea ma kellha ebda mandat minn binha Frank Galea biex tista’ tirraprezentah

fl-irkupru ezercitat mill-konvenut l-iehor Kanonku Camilleri nomine b'cedola tieghu tal-25 ta' Lulju 1958 u biex hija tista' teffettwa favur tieghu jew aventi ta' haddiehor r-relattiva rivendizzjoni;

"2. illi konsegwentement l-irkupru kif fuq esercitat mill-Kanonku Camilleri nomine bic-cedola tieghu tal-25 ta' Lulju 1958 huwa null u ta' ebda effett guridiku peress illi ma giex ezercitat kontra l-kompratur jew persuna ohra legittimament awtorizzata li tista' tirraprezentah u konsegwentement hija parimenti nulla u inattendibbli ir-rivendizzjoni maghmula mill-konvenuta Rosa Galea nomine favur l-istess Kanonku Camilleri nomine anka ghaliex dakinhar kienu ghaddew l-fatali ghall-ezercizzju tal-istess rkupru;

"3. subordinatament ghall-premess anki kieku ghall-grazzja tal-argument l-istess cedola tal-irkupru tal-konvenut Camilleri nomine tal-25 ta' Lulju 1958 u l-konsegwenti rivendizzjoni favur tieghu maghmula minn Rosa Galea nomine fid-9 ta' Settembru 1958 setghu jigu kkunsidrati bhala legalment u regolarment ezercitati, huma nulli u ta' ebda effett guridiku billi dak l-irkupru gie simulatament esercitat mill-konvenut Kanonku Camilleri ghax fil-fatt gie ezercitat fl-interess u komodo tal-kompratur Frank Galea kif sejjer jigi pruvat fil-kors tal-kawza;

"Bl-ispejjez – avza lill-konvenuti halli jidhru personalment ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kanonku Dekan Francesco Camilleri nomine li in forza taghha eccepixxa:

"Li l-ewwel u t-tieni domanda huma irriti. L-eccipjenti nomine u Frank Galea biss huma parti fic-cedola tal-irkupru tal-25 ta' Lulju 1958 u ghalhekk l-eccezzjoni ta' nullita` tal-istess cedola u rivendizzjoni tispetta biss lill-Frank Galea: *'res inter alios acta tertio neque prodest neque obest'*;

"Li t-tielet domanda hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghax ma hemm ebda simulazzjoni fl-irkupru u r-rivendizzjoni msemmija fic-citazzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Rosa mart Michele Galea, li in forza taghha eccepiet:

"Li hija tinsab imharka minghajr l-assistenza ta' zewgha, ghalhekk titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez;

"Fil-meritu tecepixxi: (1) li hija qatt ma messha giet imharka fl-isem taghha proprju ghaliex hija kienet biss mandatarja ta' binha Frank Galea, ghalhekk ghandha tigi liberata *'ab observantia judici'*, bl-ispejjez in kwantu mharka personalment; (2) li hija minn dejjem kellha l-inkarigu verbali ta' binha biex tiehu hsieb hwejgu u meta ghamlet l-irkupru ezercitat bhala mandatarja hekk kostitwita; (3) l-eccezzjoni tan-nullita` tal-irkupru hija haga li seta' biss iqajjimha Frank Galea u mhux l-attrici; (4) li s-simulazzjoni qatt ma ezistiet."

Rat in-nota "tal-osservazzjonijiet u ta' eccezzjoni ulterjuri" tal-Kanonku Dekan Dun Francesco Camilleri nomine, li in forza taghha, in kwantu rilevanti ghall-meritu ta' din il-kawza, eccepixxa illi:

"1. li l-attrici mhix legalment separata minn zewgha ghalhekk l-akkwist jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk il-kap tal-akkwisti huwa r-ragel u l-kawza prezenti hi maghmula hazin ghax imissha saret ghan-nom tar-ragel;

"2. li ghalhekk l-esponenti jeccepixxi l-irritwalita` tac-citazzjoni ghax din imissha giet maghmula mill-imsemmi Philip Debono bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, jew min haddiehor ghalih;

"3. li c-cedola tal-attrici li saret fit-18 ta' Awwissu 1958 in kwantu saret kontra kuraturi, hija irrita ghax l-assenti kellu lil Rosa Galea bhala prokuratrici tieghu, u b'dan l-attrici kienet taf sewwa, tant li rkuprat il-fond fuq l-istess

kuntratt ta' xiri li fih dehret Rosa Galea prokuratrici ta' binha assenti Frank Galea;

"4. li ghalhekk l-azzjoni prezenti tal-attrici hi irrita u hi m'ghandhiex dritt iggib 'il quddiem din l-azzjoni."

Rat id-diversi kwistjonijiet li nqalghu tul is-smiegh tal-kawza u li gew rizolti mill-qrati qabel ma seta' jigi deciz finalment il-meritu;

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fid-19 ta' Dicembru 2008 li in forza taghha, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghha;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Mela, l-attrici qeghda timpunja c-cedola tal-irkupru tal-konvenut Kanonku Camilleri nomine tal-25 ta' Lulju 1958 u l-konsegwenti rivendizzjoni maghmula mill-konvenuta Rosa Galea nomine tad-9 ta' Settembru 1958. Il-konvenuti ikkontestaw b'numru ta' eccezzjonijiet li minnhom, apparti dik li tikkontesta n-nullita` tac-cedola wkoll fuq l-addebitu tas-simulazzjoni, baqaw veljanti:

"(i) li l-azzjoni tan-nullita` tac-cedola ta' rkupru u l-konsegwenti rivendizzjoni tispetta esklussivament lil Frank Galea stante li hu u d-Dekan Frangisk Camilleri nomine biss kienu l-partijiet u kwindi fil-konfront tal-attrici tapplika l-massima *'res inter alios acta tertio neque prodest neque obest'*;

"(ii) li sakemm diretta kontra Rosa Galea personalment l-azzjoni ma treggix;

"Illi mill-atti tal-kawza jintrapella illi l-fatti sostantivi, mhux kontestati, huma:

"- li b'kuntratt tad-19 ta' Awwissu 1957 atti Nutar Giuseppe Cauchi, Antonio Mifsud biegh lil Francesco sive Frank Galea, l-lok tad-djar fin-Nadur,

Ghawdex, Pjazza San Pietru Pawl bin-numri 7 u 8 u b'bieb numru 87 li jaghti f'Triq tas-Said;

"- li l-lok ta' djar gie rkuprat b'cedola ta' rkupru u kontestwali depositu tal-25 ta' Lulju 1958 mill-Kanonku Francesco Camilleri fil-kwalita` tieghu ta' mandatarju ta' John Mifsud mill-poter ta' Francesco Galea, l-akkwirent, b'titolu ta' konsangwinita`;

"- li l-attrici, Maria Debono, kienet min-naha taghha wkoll irkuprat l-imsemmi lok ta' djar mill-poter tal-akkwirent Francesco Galea b'titolu ta' konsorzju fic-cens u l-vicinanza;

"- li in ezekuzzjoni tal-irkupru ezercitat mill-Kanonku Camilleri fil-kapacita` tieghu fuq imsemmija, l-imsemmi Francesco Galea irrivendilu l-imsemmi lok ta' djar;

"- li l-kawza odjerna istitwita mill-attrici hi sabiex tannulla c-cedola tal-irkupru u konsegwenzjali rivendizzjoni u dan a bazi ta' zewg kawzali:

"(i) li c-cedola tal-25 ta' Lulju 1958 ma gietx ezercitata kontra l-kompratur jew kontra persuna legittimament awtorizzata li tirraprezentah u konsegwentement hija nulla, anka r-rivendizzjoni maghmula minn Rosa Galea nomine, stante li fi kwalunkwe kaz dakinhar tar-rivendizzjoni kienu ghaddew il-fatali ghall-ezercizzju tal-irkupru;

"(ii) li l-irkupru u konsegwenti rivendizzjoni kienu simulati stante li gew esercitati fl-interess u komodu ta' Francesco Galea;

"- li quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, hemm kawza (citazz.73/1958), li ghada pendenti u li qed tistenna l-esitu ta' din il-kawza, u dan skond kif deciz mill-Qorti tal-Appell (circa 2004), fejn l-attrici qeghdha isaqsi sabiex tottjeni l-validita` tal-irkupru taghha ezercitat bic-cedola tat-18 ta' Awwissu 1958 bit-titolu ta' konsorzju fic-cens u tal-vicinanza, li sostni

jipprevali fuq l-irkupru tal-konvenut ezercitat bit-titolu ta' konsangwinita`.

"Illi jkun utili u opportun li hawnhekk il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet (konsegwenti ghal dawn l-atti) qabel ma titratta d-domandi attrici fil-kuntest tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Dawn l-osservazzjonijiet huma:

"- li Rosa mart Michele Galea, illum mejta, giet imharka f'din il-kawza kemm bhala mandatarja ta' binha msiefer Frank Galea, illum rapprezentat minn Bernarda Galea, kif ukoll f'isimha proprju;

"- li Philip jew Filippu Debono, r-ragel tal-attrici Maria Debono, it-tnejn mejtin, gie kjamat in kawza minn martu fuq istanza tas-sentenza fuq riferita. Dan nonostante, u f'kull kaz, l-interess tieghu f'dawn l-odjerni proceduri jinsabu ezawriti anka minhabba kuntratt li jinghad li kkonkluda ma' bintu l-odjerna attrici fis-16 ta' Frar 1964 fejn jinghad (imkien kontradett) li huwa mhux biss irratifika kemm l-irkupru u l-atti gudizjali maghmula minn martu, izda addirittura ceda lill-bintu, l-odjerna attrici, l-kumplament tal-perjodu enfitewtiku kostitwit bil-kuntratt tas-16 ta' Frar 1926 li jinsab esebit folio 32 u rigwarda cens ghal mija u hamsin sena minn dakinhar, liema cens kien jifforma parti l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-istess martu Maria Debono, l-attrici originali;

"- li l-kawzali fil-konfront tas-simulazzjoni maghmula skond l-ahhar talba fic-citazzjoni hija sussidjarja ghall-ewwel zewg talbiet li ghal kull effett prattiku jikkostitwixxu talba wahda b'daqstant illi lil din il-Qorti ftit jew xejn ghandu jinteressha fatturi li m'humiex fil-parametri tat-talbiet bhal per ezempju c-cedola ta' irkupru maghmula mill-attrici jew il-fatt tac-cens li jekk il-kaz jassumu rilevanza fic-citazz l-ohra 73/1958;

"- ghalhekk, u fl-ewwel stadju, jinnecessita` li jigu trattati l-ewwel zewg talbiet: (i) in-nuqqas ta' mandat mill-konvenuta Rosa Galea biex tirraprezenta lill-binha Frank Galea fl-irkupru u konsegwenti rivendizzjoni ghall-

irkupru ezercitat mill-konvenut Kanonku Camilleri nomine kontra binha; (ii) li l-irkupru ezercitat mill-Kanonku Camilleri nomine huwa null u bla ebda effett guridiku stante li ma giex ezercitat kontra l-kompratur jew persuna ohra legittimament awtorizzata li tista' tirraprezentah u konsegwentement hi parimenti nulla u inattendibbli r-rivendizzjoni maghmula mill-konvenuta Rosa Galea nomine favur l-istess Kanonku Camilleri nomine, anki ghaliex dakinhar kienu ghaddew l-fatali ghall-ezercizju tal-istess irkupru;

“Illi in kwantu ghac-cedola ta' irkupru, meritu din il-kawza u esebita in atti (folio 7), jirrizulta li giet maghmula minn John Mifsud, li ghalih deher bhala prokuratur ir-Reverendu Kanonku Camilleri, u kienet tolqot il-fond numru 7 u 8 Pjazza San Pietru Pawl, Nadur, Ghawdex, b'bieb enumerat 87 fuq Triq Tas-Said. L-imsemmi Mifsud kien esercita d-dritt ta' irkupru mill-poter ta' Francesco Galea li da parti tieghu kien akkwista l-fond minn Antonio Mifsud. Il-kuntratt ta' akkwist kien sar b'kuntratt atti Nutar Giuseppe Cauchi tad-19 ta' Awwissu 1957 u c-cedola ta' irkupru saret fil-25 ta' Lulju 1958. Il-bazi ghall-irkupru kien il-fattur dikjarat tal-konsangwinita` bejn ir-retraent John Mifsud u l-bejjiegh Antonio Mifsud fuq il-fatt ta' ascendant komuni ghat-tnejn.

“Illi huwa rilevanti jigi puntwalizzat li l-fondi fuq liema saret c-cedola ta' irkupru jirreferi ghall-lok ta' djar numru 7 u 8, b'bieb numru 87 fuq Triq is-Said, u mhux il-fond kontigwu bin-numru 6, li m'ghandux ikollu *'locus standi'* f'din il-kawza, tali li kull rilevanza ghalieh hi esklussivament rilevanti ghall-kawza li, jekk il-kaz, ghandha tiddeciedi liema mic-cedoli ta' ikpuru maghmula mill-kontendenti fuq il-lok tad-djar accennat hi dik porzjuri u cioe` liema minnhom ghandha tipprevali fuq l-ohra. Dan mhux il-meritu ta' din il-kawza.

“Ikkunsidrat:

“Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel problematika, raggruppata fl-ewwel zewg talbiet, il-qofol tas-sottomissjoni tal-attrici sta fil-fatt li Rosa Galea ma kelliex

mandat fil-mument tal-prezentata tac-cedola ta’ irkupru, cioe` fil-25 ta’ Lulju 1958 biex tirraprezenta fl-istess cedola lil binha Francesco Galea, u billi l-anqas ma kienet kuratrici tieghu nominata mill-Qorti, l-istess cedola ma jista’ jkollha ebda effett legali tali li anka r-rivendizzjoni sussegwenti minnha maghmula hija nulla u bla effett. Kwindi, li qed tghid l-attrici, jirreferi mhux ghad-dritt per se tal-irkupru, izda li huwa, ossija, l-irkupru, ma setax validament isir, kif sar, kontra l-imsemmija Rosa Galea ‘bhala prokuratrici verbali tal-imsiefer binha Francesco Galea’ ghaliex kellha u missa saret kontra kuraturi biex jirraprezentaw lill-istess Francesco Galea u ghalhekk meta sussegwentement saret ir-rivendizzjoni minnha favur il-Kanonku Camilleri nomine, u hawnhekk kienet allura munita bi prokura per iskritt f’isimha, dan ma setghetx taghmlu billi c-cedola ta’ irkupru kienet saret hazin - *“quod nullum est nullum producit effectum”*.

“Issa dan, ossija l-fatt tal-prokura per iskritt, hu fattwalment ineccepibbli, kif hu fattwalment korrett li kienet skorriet is-sena prevista mill-allura Artikolu 1518 tal-Kodici Civili ghall-ezercizzju tal-irkupru fil-mument effettiv li l-imsemmija Rosa Galea kellha l-prokura per iskritt minghand binha li uzata fid-9 ta’ Settembru tal-istess sena biex ghamlet ir-rivendizzjoni favur l-Kanonku Camilleri nomine. Fi kliem iehor, u fi kliem testwali tal-attrici, “ghalhekk il-mandat inghata fi kwalunkwe kaz wara li ghalaq iz-zmien ghall-irkupru, jigifieri wara li ghadda dak li kien jghidulu il-fatali ghall-ezercizzju tad-dritt, ghaliex kien terminu li ma jipprorogaxx ruhu u la darba jghaddi jintilef kompletament id-dritt. Hekk, it-teorija tar-ratifika ma tapplikax”.

“Illi in vena legali l-ligi nostrana tirrikonoxxi li prokura tista tinghata sija b’kuntratt, sija per skrittura privata, kemm verbalment u kemm tacitament (Artikolu 1857/2 tal-Kap. 16). Jizdied jinghad li fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti jaghmlu s-segwenti kummenti ma’ liema din il-Qorti hija pjenament konkordi. Jghidu:

“(i) illi l-operat tal-imsemmija mandatarji u cioe` tal-Kanonku Camilleri bhala mandatarju ta’ John Mifsud u

ta’ Rosa Galea bhala mandatarja ta’ binha Frank Galea kienu perfettament konformi mal-ligi billi kienu ben noti lill-mandanti taghhom li approvahom u qatt ma urew xi opposizzjoni u kwindi gew kemm tacitament rikonoxxuti kif ukoll tacitament ratifikati;

“(ii) illi meta persuna tagixxi f’isem persuna ohra minghajr il-kunsens taghha huwa l-mandanti fil-konfront tal-mandatarju tieghu illi jista’ jagixxi biex jannulla kull att maghmul minghajr il-kunsens tieghu u mhux it-terz bhal ma hija l-attrici li ghal dak li jirrigwarda lilha r-relazzjoni guridika taghha hija mal-mandanti u mhux mal-mandatarju li jagixxi ghan-nom u fl-interess tal-mandanti;

“(iii) il-mandanti, fil-kaz in ispecje, qatt ma impunja l-att tal-mandatarju tieghu izda approvohom u ghalhekk huma legalment vinkolanti u perfettament validi;
“Illi pero` mhux biss billi tant kienet nota l-figura ta’ mandatarja ta’ Rosa Galea li agixxiet ghall-binha Francesco illi f’wahda min-noti taghha (ara folio 284), wara li tistqarr li Antonio Mifsud biegh lil Rosa Galea nomine, tafferma li hi taccetta li sar il-bejgh validament u li Rosa Galea setghet tixtri fl-interess ta’ binha Frank Galea. Altru ghalhekk li l-irkupru tal-Kanonku Camilleri ma setax jiccita lill-istess Rosa Galea bhala prokuratrici verbali ta’ binha aktar u aktar meta binha kien imsiefer jghix il-Canada.

“Illi nghad dan ghalhekk l-ewwel zewg talbiet tal-attrici qed jigu respinti.

“Ikkunsidrat:

“Dwar is-simulazzjoni meritu tat-tielet talba.

“Illi huwa pertinenti li jigu affermati xi principji gurisprudenzjalment accettati. Ghalhekk jinghad illi “s-simulazzjoni hija forma ta’ frodi; minn jallegha ghandu jgib prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni li tista’ ssir bi kwalunkwe mezz permess mil-ligi” – *Maggur Joseph Fredrick Gatt v. Maggur Victor Alkosius Tonna, Appell, 19.02.1973.* hekk ukoll gie affermat li “l-prova tas-

simulazzjoni tista' tkun tant diretta kemm indizjarja, f'liema kaz l-indizzji jew kongetturi ghandhom ikunu precizi, konkordi u gravi; talment precizi, konkordi u gravi, li kif esprimiet ruhha 'il Prim Aula fis-sentenza Gaffiero v. Despott fl-14 ta' Dicembru 1880 *'non permettono ad intelletto umano di persuadersi in senso opposto'*" – *Antonio Axisa v. Carmelo Callus P.A, 19.02.1973;* u biex ikun hemm simulazzjoni hija mehtiega x-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat; jekk dan il-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta' min ma jkunx ta dak il-kunsens – *Joseph Vassallo et v. Carmelo Vassallo et, Appell, 13.07.2001.*

"Illi hekk jespandi l-kuncetti fuq esposti l-*Butera* fis-sagg tieghu *'Della Frode e della Simulazione nei Negozi Guridici'* – Vol.11 para.110. *"Oltre che con la prova testimoniale, il-creditore dannegiato puo' dimostrare la simulazione assoluta o relattiva dell'atto guridico impugnato anche, o piu' frequentemente, con presunzioni. Cio' viene dal fatto che, essendo rimasto estraneo al rapporto concluso, si trova nella impossibilita' di somministrare prova documentale o precostituita. Poche congetture od indicazioni, congiunte ad una congrua causa di simulare, possono costituire la prova piena e perfetta della simulazione. Quando le presunzioni sieno gravi, precise e concordanti puo' il-negozio guridico essere dichiarato senz'altro simulato, senza che sia d'uopo disporre la prova orale o altro mezzo istruttorio…..Si sono considerate indizi e presunzioni abili a dimostrare la simulazione di un negozio guridico, una compravendita, la connivenza tra i contraenti, la vilta' del prezzo, la parentela fra le parti, perche' generalmente i contratti simulati si conchiudono con piu' frequenza tra prossimi parenti e affini, ossia nel nucleo famigliare…Un cumolo di presunzioni concomitanti puo' essere bastevole a concludere per la simulazione di un negozio guridico. Le applicazioni sono varie…il modo clandestino e subdolo con cui si e' proceduto alla formazione del negozio e la data dell'atto prossimo nel momento in cui stanno per verificarsi fatti od avvenimenti ad ovviare i quali l'atto e' diretto…perfino il contegno delle parti contraenti anteriore, concomitante o susseguente all'atto simulato".*

"Issa, indizju ta' simulazioni certament ma jistax ikun ibbazat fuq mera kongetturi u supposizzjonijiet spekulattivi a differenza ta' presunzjonijiet 'gravi, precisi u konkordanti'. Tista' talvolta tigi percettibbli s-simulazzjoni f'din il-kawza fuq il-fatt tal-pussess, l-hlas tal-kanoni, jew minn certi aspetti ta' parentela, jew ukoll fuq kif saru u gew esegwiti certi xoghlijiet. Izda, filwaqt li m'hemmx dubju li l-imsemmi Mifsud kellu kull dritt ta' rkupru, l-allegazzjoni li dan ghamlu biex jakkomoda lill-akkwirent biex jovvja u jinnewtralizza kull dritt ta' irkupru tal-attrici, trid tirrizulta b'mod car, almenu tali bizzejjed li ma thallix dubju dwar li seta' kien hekk u seta' ma kienx hekk. Din il-Qorti frankament tghid li certi indizzji huma suspetti u ittendu ghas-simulazzjoni izda mill-banda l-ohra hemm bizzejjed provi li jimminaw b'mod serju, jekk mhux ukoll konvincenti, li sehh bejn il-konvenuti kolluzjoni bejniethom li jisimulaw l-irkupru. Li hu zgur hu li ma tistax treggi simulazzjoni fuq allegazzjonijiet li fil-preponderanza taghhom jibqaw tali. Fi kliem iehor sabiex treggi s-simulazjoni li ghandha inerenti fiha l-frodi l-*'causa simulandi'* trid tirrizulta cara u evidenti u fil-kaz in disamina dan ma rrisultax la car u l-anqas evidenti. Fuq kollox m'hemm xejn tendenzjuz li xi hadd ikun esercita irkupru biex jevita lil hadd iehor jirkupra hu ghaliex b'daqshekk ikun isufruixxa minn dritt spettanti lilu u ovvjament sakemm l-irkupru ma jkunx sar ghall-konvenjenza u komodu ta' haddiehor, fl-liema kaz allura tinsorgi s-simulazzjoni. F'dan il-kaz hija nieqsa l-konvinzjoni morali f'din il-Qorti li l-irkupru sar mhux fl-interess tar-retraent imma ta' persuna ohra.

"Inghad dan mhux il-kaz li l-Qorti tissoferma fuq l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li baqaw veljanti lanqas dwar jekk l-attrici setghetx tecepixxi n-nullita` tal-irkupru jew kienitx fakoltattiva biss lill-Francesco Galea li jissollevha ghalkemm *'obiter'* il-Qorti kienet tkun propensa li tghid il-kontra billi tidher manifesta l-interess guridiku taghha. Fir-rigward l-eccezzjonijiet l-ohra dawn huma sorpassati b'din is-sentenza."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"......thassar is-sentenza moghtija fid-19 ta' Dicembru 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fl-atti tac-Citazzjoni Numru 14/1959 A.M.T fl-ismijiet premessi, tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici; bl-ispejjez taz-zewgt istanzi a karigu tal-konvenuti appellati."

Rat ir-risposta ta' Anthony Galea fil-kwalita` tieghu ta' prokuratur tal-assenti Madame Polly armla ta' John Missud sive Mifsud, Thierry, Isabelle u Laurent ahwa Missud sive Mifsud kif ukoll ta' huh imsiefer Frank Galea ghar-rikors ta' appell tal-attrici Carmela Vella, li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell tal-attrici ghandu jigi rigettat bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluz l-atti tal-kawza **Debono v. Mercieca et**, citazzjoni numru 73/58, li gew annessi ma' din il-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija intiza ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' cedola ta' rkupru ezercitat mill-Kanonku Dekan Francesco Camilleri bhala prokuratur ta' John Mifsud fil-25 ta' Lulju 1958, u dan a bazi ta' zewg ragunijiet: peress li Rosa Galea ma kellha ebda mandat minn binha Frank Galea biex tista' tirrapprezentah fl-irkupru; u peress li, f'kull kaz, l-irkupru u l-konsegwenti rivendizzjoni kienu simulati ghax saru fl-interess u komodo tal-istess Frank Galea.

Ic-cirkostanzi li l-attrici qed tipprova tattaka kienu dawn. Fid-19 ta' Awwissu 1957, Mikiel Galea, bhala prokuratur ta' Antoine Mifsud, biegh fond fi Pjazza San Pietru Pawl in-Nadur Ghawdex, lil martu Rosa Galea li dehret ghal binha, Frank Galea. Fil-25 ta' Lulju 1958, il-Kanonku Francesco Camilleri, bhala prokuratur tal-assenti John Mifsud, kugin u "hbieb sew" ma' Frank Galea, ezercita` d-

dritt ta’ irkupru bit-titolu ta’ konsangwinita`, u ha lura l-fond li kien biegh missieru. Sussegwentement, Rosa Galea, ghan-nom ta’ binha Frank Galea, rrivendiet il-fond lil Kanonku Camilleri nomine biex b’hekk il-fond suppost sar ta’ John Mifsud.

L-attrici kienet, fit-18 ta’ Awwissu 1958, ezercitat hi wkoll d-dritt ta’ rkupru li kien vestit fiha b’titolu ta’ konsorzju fl-utile dominju, ta’ servitu` dominanti u ta’ vicinanza. L-attrici tallega li dak kollu li sar minn Rosa Galea u l-Kanonku Francesco Camilleri sar biex jilledu d-drittijiet taghha, u kollox kien simulat ghax il-procedura ma saritx verament fl-interess ta’ John Mifsud, izda fl-interess u komodu ta’ Frank Galea.

Kif inghad aktar qabel, din il-kawza kellha smiegh pjuttost twil u kumplikat; fil-kors taghha inqalghu diversi incidenti li kienu rimessi lill-ewwel Qorti, u anke lil din il-Qorti tal-Appell, ghas-soluzzjoni. Kien hemm zmien ukoll, bejn l-1962 u l-1976, li s-smiegh ta’ din il-kawza kien sospiz peress li kienet qed tistenna l-ezitu ta’ kawza ohra. Eventwalment, wara li gew mwarba diversi kwistjonijiet periferali, l-ewwel Qorti waslet biex tiddeciedi l-kaz fil-meritu, b’mod li cahdet it-talba attrici wara li kkonkludiet li, dwar l-ewwel gravam, li prokura tista’ tkun tacita u l-mandanti, f’dan il-kaz, qatt ma impunja l-att tal-mandatarja tieghu u, dwar it-tieni gravam, li ghalkemm jista’ kien hemm suspetti ta’ simulazzjoni, ma kienitx konvinta bil-provi li tressqu fir-rigward.

L-attrici appellat mis-sentenza u argumentat li l-prokura favur Rosa Galea ghall-irkupru inghatat wara li gie ezercitat l-irkupru minn Rosa Galea u wara li kien skada t-terminu fatali ta’ sena ghall-ezercizzju tal-istess, u wara li hi stess kienet ezercitat id-dritt taghha ta’ rkupru; kwindi, qed jigi allegat, li lil dik il-prokura ma jistax jinghata effett retroattiv. Intolre, qed tallega wkoll li, f’kull kaz, jezistu indizji cari u precizi li juru li l-process kollu ta’ rkupru u rivendizzjoni kien simulat.

Din il-Qorti tara li ghandha titratta l-ewwel dan it-tieni aggravju, ghax hekk jirrizulta li l-process kien simulat,

allura jitqies null u ma jkunx hemm htiega li tigi mistharga l-kwistjoni marbuta ma’ allegat mandat ta’ Rosa Galea.

Il-gurisprudenza lokali hija konkordi illi s-simulazzjoni ghandha tigi provata minn min jallegaha, u l-provi jridu jkunu perswazivi u konkludenti. Il-prova tista’ ssir b’kull mod permess mil-ligi, anke minn xhieda. Izda dan il-principju ghandu jigi applikat b’rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku minhabba l-fidi akbar li l-ligi tirriponi fuqhom. Gie inoltre osservat li s-simulazzjoni tista’ tigi provata mhux biss bi provi diretti imma anke permezz ta’ prezunzjonijiet u kongetturi, purche` dawn ikunu gravi, precizi, u konkordanti, u mhux kontradetti minn prezunzjonijiet u indizji ohra (ara **Caruana Scicluna v. Pace**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta’ Frar 1949, **Spiteri Debono v. Spiteri Debono** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Dicembru 1953, u **Vassallo v. Vassallo**, deciza mill-istess Qorti fit-28 ta’ Frar 1995 fost ohrajn).

Xi sentenzi lokali jirreferu wkoll ghal-htiega li jintwera *causa simulandi,* pero`, il-Corte di Cassazione tal-Italia, f’sentenza numru 5541 tat-8 ta’ Gunju 1994, kienet osservat li l-*causa simulandi “non risulta indispensabile ai fini della pronuncia di accertamento della simulazione, restando rilevante solo per fornire indizi rivelatori dell’accordo simulatorio”* (Giorgio Bianchi “La Simulazione” (Ediz 2003 CEDAM pagna 5).

Issa skond id-duttrina, hemm zewg speci ta’ simulazzjoni: wahda assoluta, meta l-kuntratt ikun interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni, *“colorem habens, substantiam vero nullam”;* u l-ohra relativa, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta’ iehor *“colorem habens, substantiam vero alteram”* (ara Coen *“Giurisprudenza Italiana” voce Simulazione,* para. 72).

L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni tal-inezistenza assoluta tal-att; dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relattiva ghandha bhala skop illi tigi restitiwita r-realta` tal-

att u mnehhija l-forma apparenti tieghu. F'din il-kawza, l-attrici qed tattakka l-kuntratt fuq imsemmi b'simulazzjoni assoluta, u cioe` l-inezistenza assoluta tal-att in kwantu dak l-att jindika lill-konvenut John Mifsud bhala xerrej.

Din il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u tara li hemm indizji cari u konkludenti favur it-tezi attrici.

Huwa car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li kien hemm connivenza bejn ix-xerrej u l-bejjiegh biex isir l-att ta' rivendita semplicement biex jigi evitat l-irkupru tal-attrici, u dan jirrizulta mic-cirkostanza li Rosa Galea kienet taf bl-intenzjoni tal-attrici biex tirkupra, billi din kienet gabret kopja tal-kuntratt ta' bejgh minghand in-nutar li ppubblika l-att, li kien qrib hafna tal-familja Galea. Ma kienx hemm veru intenzjoni li l-post jigi trasferit lura lil John Mifsud, tant li l-post baqa' <u>ghal aktar minn hamsin sena fil-pussess esklussiv ta' Frank Galea</u>.

F'sentenzi dwar simulazzjoni ta' kuntratti sabiex jigi evitat l-irkupru, gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza **Saliba v. Mangion**, deciza fil-15 ta' Gunju 1866 (Vol III.599) u mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 1928 (Kollez Vol.XXVII.ii.64) illi hija kongettura ghas-simulazzjoni tal-permuta meta l-pussess materjali tal-haga permutata jibqa', nonostanti l-permuta, ghand il-permutant li ghamel dik l-assenjazzjoni...cirkostanza, kif tghid l-ahhar sentenza, *"che in tema di simulazione si ritiene dalla **<u>giurisprudenza non solo concludente ma decisiva</u>**".*

Precizament, fl-imsemmija sentenza a Vol XXVII – fl-ismijiet **Giovanni Spiteri v. Antonio e Giovanni padre e figlio Borg** deciza fit-30 ta' April 1928 Prim Awla – intqal li z-zamma tal-pussess tal-haga mis-suppost permutant hija *"circostanza per altro cotesta, che in tema di simulazione si ritiene dalla giurisprudenza non solo concludente ma decisiva" – (Prima Raccolta di Giuris. Sul Cod. Civ. Ital. Vol 5 pag 113 a 123)*. Kaz iehor fejn inzamm il-pussess mill-bejjiegh (tramite l-kerrej tieghu li kien jigi minnu), u allura tqis bhala indizju tas-simulazzjoni kienet fil-kawza **Tabib Dr. Albert Glenday et v. Pietro Touissaint Gatt**

**et** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Gunju 1945 (Kollez XXXII.i.244).

Hemm diversi cirkostanzi ohra li, fl-assjem taghhom, jindikaw b'mod car li l-hsieb kien kollu biex jigi aggevolat Frank Galea a skapitu tal-attrici. Jirrizulta, per ezempju, li dan Frank Galea mhux biss zamm pussess tal-fond, imma kien hu li ha hsieb u hallas ghal xoghlijiet strutturali li saru fil-fond. Dawn ix-xoghlijiet saru fuq inizjattiva tieghu u saru skond ix-xewqa tieghu. Ix-xoghlijiet ma kienux superficjali, ghax kienu jinvolvu anke t-twaqqiegh u r-rekostruzzjoni tal-faccata. Dan Frank Galea xehed u qal li l-post kien qed jirrangah "biex inkun nista' nghix fih mal-mara tieghi".

Ic-cens gravanti l-fond thallas ukoll mill-istess Frank Galea, u jidher li dan sar fuq ismu. Is-suppost xerrej, John Mifsud, ma jirrizultax li qatt gie Malta, u lanqas ma rrizulta li dan baghat xi flus lejn Malta ghall-akkwist; ma tresqet ebda evidenza ta' spedizzjoni ta' flus lejn Malta ghal dan l-iskop u l-Kanonku Camilleri lanqas kien jaf minn fejn gew il-flus ghall-akkwist. Dan is-Sur Mifsud lanqas flus ghax-xoghlijiet li saru fil-fond u lanqas ghall-kawza li fiha kien qed jigi kontestat it-titolu tieghu ma jirrizulta li baghat. L-applikazzjonijiet ghad-dawl u ilma saru minn u fuq isem Frank Galea, u John Mifsud ma ccentra xejn. Wara l-mewt ta' dan Mifsud, dan il-fond ma giex denunzjat ghal fini ta' hlas ta' taxxa tas-successjoni.

Fuq kollox dan John (jew Jean) Mifsud kien iben Antoine Mifsud, is-sid originali tal-fond, u jekk ried il-fond setgha jghid lill-missieru jaghdihulu jew jistenna sakemm jiret l-istess, u mhux jghaddi mill-procedura ta' rkupru biex l-istess ikunu fuq ismu. Wara s-suppost akkwist, dan Mifsud qatt ma gie Malta u qatt ma rifess l-ghatba tal-fond li, kif intwera, baqa' fil-pussess u ad uzu eklussiv ta' Frank Galea. Iz-zamma tal-pussess tal-haga meta dan suppost jigi trasferit, huwa generalment meqjus bhala wiehed mill-indizji ewlenin tas-simulazzjoni.

Hu car fil-fehma ta' din il-Qorti li mill-provi jirrizultaw indizji cari, precizi u konkludenti li l-procedura ta' rkupru u

rivendikazzjoni saret ghal komodu ta’ Frank Galea, u darba hu stabbilit li r-ritratt ma jistax jigi ezercitat ghal komodu ta’ haddiehor (ara **Caruana v. Coleiro et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta’ Dicembru 1935), l-istess ghandu jigi dikjarat null.

La darba l-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, mhux mehtieg li tigi mistharga l-validita` tal-awtorizzazzjoni, ghax f’kull kaz, l-irkupru u r-rivendizzjoni qed jigu dikjarati nulli kif mitlub fit-tielet talba attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attrici billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fid-19 ta’ Dicembru 2008, u tghaddi biex tilqa’ t-tielet talba attrici kif dedotta u kwindi tiddikjara bhala null u minghajr effett l-irkupru tal-konvenut Camilleri u l-konsegwenti rivendizzjoni.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, hlief ghal dawk gia` determinati minn din il-Qorti, jithallsu mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------